MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 442/2007

**Edmund Barbara**
**I.D. 458139(M)**

**Vs**

**Brendan Paul Jackson**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm402.50c) rapprezentanti kwantu ghal tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm392.50c) import ta’ ghoxrin kambjala skaduti u mhux imhallsa u kwantu ghal ghaxar liri Maltin (Lm10) bhala spejjez ta’ Ittra Legali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta’ Cessjoni tas-sorte pprezentata fis-16 t’Ottubru, 2007 li biha l-attur ceda s-sorte izda zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu ghall-ispejjez tal-kawza li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------